



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14534/21

CULT 113
SUSTDEV 172
ENV 942
SOC 709
EMPL 531
RECH 545
EDUC 404

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13575/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Filwaqt li jagħraf il-passi li diġà ttieħdu mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex jissaħħaħ ir-rwol importanti tal-kultura, kif ukoll l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni fuq l-aġenda politika u biex jiġi żgurat il-wirt tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, kif ukoll l-impatt dejjiemi tagħha għas-soċjetajiet tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri,

Filwaqt li jfakkar fir-riferimenti politiċi ewlenin kif jinsabu fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet,

Filwaqt li jibni fuq il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019–2022, b'mod partikolari fuq il-Prijorità B ("Koeżjoni u benesseri"), u l-azzjonijiet dwar is-suġġett "Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja għal kulħadd",

JILQA' l-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida (BEG), u f'dan il-kuntest

JISSOTTOLINJA LI

1. L-arkitettura u l-ambjent mibni huma l-inkarnazzjoni tal-kultura, il-modi ta' għajxien u l-valuri tal-imġhoddi u tal-preżent. Jistabbilixxu s-sustanza għall-wirt kulturali tagħna tal-ġejjieni u jikkontribwixxu għat-tiswir tas-soċjetajiet u l-identitajiet tagħna.
2. L-ambjent mibni¹ huwa riflessjoni ta' komunità, u r-responsabbiltà għall-kwalità ġenerali tiegħu hija f'idejn il-korpi rilevanti tas-settur pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra, li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib maċ-ċittadini kollha.

¹ Ara d-definizzjoni fl-Anness

3. Huwa importanti li jiġi żgurat li kemm l-iżvilupp tal-bini eżistenti – permezz tar-restawr, ir-rinnovazzjoni, l-użu mill-ġdid adattat u l-konservazzjoni – kif ukoll il-ħolqien ta' binjiet u spazji ġodda jkunu ta' kwalità għolja.
4. Il-periti, fost oħrajn, għandhom sehem ċentrali fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp ta' arkitettura u ambjent tal-għajxien ta' kwalità għolja, u għaldaqstant jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-interess pubbliku billi jqisu d-diversità territorjali u l-ħtiġijiet tas-soċjetà ċivili.
5. Il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja² u l-ambjent mibni jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti³ b'ħafna modi. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴ u t-tir tiegħu li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050.
6. Il-BEĠ hi inizjattiva transdixxiplinarja li tgħaqqad tliet dimensjonijiet interkonnessi: l-estetika, is-sostenibbiltà u l-inklużjoni. Tiddependi minn approċċ parteċipattiv u għandha l-għan li tinvolvi lin-nies kollha madwar l-Unjoni, inkluż dawk minn gruppi żvantaġġati, f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU u l-oġettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
7. L-inizjattiva BEĠ hi mnebbħa mill-Bauhaus oriġinali⁵, li diġà kellu approċċ olistiku, sostenibbli, ta' kwalità għolja u inklużiv għad-disinn, l-arkitettura u l-arti.

² Kif definit mit-8 kriterji tal-Għodda ta' Kwalità tal-Baukultur ta' Davos

³ Kif stabbilit fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli (ara r-referenza fl-Anness)

⁴ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_en

⁵ Il-Bauhaus (Weimar, Dessau u Berlin, mill-1919 sal-1933) hija l-Iskola tal-Arkitettura, id-Disinn u l-Art l-aktar influwenti tas-seklu 20.

8. Filwaqt li tirrispetta l-wirt kulturali varjat tal-Ewropa, l-inizjattiva BEĠ għandha l-għan li toħloq kuntest li jiffaċilita t-trasformazzjoni tal-ambjent tal-għajxien u jagħmel mill-mod tal-għajxien tagħna wieħed aktar sabiħ, sostenibbli u inklużiv, fost oħrajn permezz ta' innovazzjoni u arkitettura⁶, disinn, u urbanizmu ta' kwalità għolja, u bosta oqsma artistiċi u kreattivi oħrajn.
9. Il-wirt kulturali u arkitettoniku tal-Ewropa jikkostitwixxi punt ta' riferiment importanti għall-kwalità tal-esperjenzi u fiżika tal-ambjent mibni tagħna. Huwa wkoll riżorsa f'saħħitha li jista' jnebbaħ u jrawwem il-koeżjoni soċjali, l-innovazzjoni, it-trasformazzjoni u r-riġenerazzjoni. L-inizjattiva BEĠ għaldaqstant tagħraf l-importanza tal-wirt arkitettoniku u arkeoloġiku, il-pajsaġġi u l-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli tagħna.
10. In-natura multidimensjonali tal-arkitettura u l-ambjent mibni ta' kwalità għolja teħtieġ kooperazzjoni transettorjali, parteċipazzjoni, kokreazzjoni u approċċi transdixxiplinarji, b'mod partikolari f'termini ta' sostenibbiltà u koerenza fil-politika.
11. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal mobilizzazzjoni ta' finanzjament fil-livelli kollha ta' governanza, fost oħrajn għal arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja. Dawn ir-riżorsi finanzjarji għandhom jintużaw b'mod sostenibbli u orjentat lejn il-kwalità, f'konformità mal-prinċipji tal-Għodda ta' Kwalità tal-Baukultur ta' Davos (DBQT), ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti tal-MMK⁷ u l-Prinċipji ta' Kwalità riveduti tal-Kunsill Internazzjonali għall-Monumenti u għas-Siti (ICOMOS) għal interventi ffinanzjati mill-UE b'impatt potenzjali fuq il-wirt kulturali⁸.

⁶ Inkluż l-arkitettura interna u tal-pajsaġġ u l-ippjanar spazjali

⁷ Grupp ta' ħidma tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) ta' esperti mill-Istati Membri dwar arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja għal kulħadd.

⁸ European quality principles for EU-funded interventions with potential impact upon cultural heritage - edizzjoni aġġornata tal-ICOMOS: <https://www.icomos.org/en/about-icomos/committees/regional-activities-europe/90984-quality-principles-new-version-available>

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI RISPETTIVI TAL-KOMPETENZA TAGĦHOM:

12. Jaffermaw mill-ġdid ir-rwol tal-kultura u l-wirt kulturali bħala intrinșiċi għall-ambjent mibni u tal-ġhajxien u inseparabbli minnu, u bħala kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-ekonomija ċirkolari, il-koeżjoni soċjali u territorjali, l-ambjent, il-miri tal-bijodiversità u tal-klima, il-prosperità u l-benesseri tal-persuni kollha fl-Ewropa.
13. Jiffaċilitaw sinerġiji xierqa bejn l-inizjattiva tal-BEĠ u proċessi oħra li jinvolvu lin-nies fl-Ewropa, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa⁹, kif ukoll ma' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni oħra li jippromwovu l-kwalità arkitettonika u estetika, bħall-Mewġa tar-Rinnovazzjoni¹⁰, u l-aċċessibbiltà, bħall-[Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030](#)¹¹.
14. Jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' fehim olistiku u kultura kondiviża ta' arkitettura ta' kwalità għolja billi jqajmu aktar kuxjenza, eż. permezz ta' edukazzjoni formali, nonformali u informali minn età bikrija, u billi jippromwovu u jxerrdu b'mod wiesa' informazzjoni dwar l-inizjattiva tal-BEĠ u r-rwol tal-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni fiha.
15. Jaħdmu għal viżjoni fit-tul olistika, inklużiva, transdixxiplinarja, u mmexxija mill-kwalità għolja għall-arkitettura u l-ambjent mibni billi jintegraw politiki differenti u għarfien espert fil-proċessi, il-linji gwida u l-proġetti ta' kokreazzjoni kollha li jsawru l-ambjent tal-ġhajxien tagħna, inkluż ir-rapport tal-grupp ta' esperti tal-MMK¹².

⁹ <https://futureu.europa.eu/?locale=mt>

¹⁰ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1835

¹¹ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8376&furtherPubs=yes>

¹² Ara r-referenzi fl-Anness

16. Iqisu approċċ orjentat lejn il-kwalità li jħaddan fih il-prinċipji ta' kwalità definiti fid-DBQT¹³ bħala l-bażi għal għażliet u deċiżjonijiet infurmati matul iċ-ċikli tal-ħajja kollha tal-istrutturi mibnija u l-ippjanar u l-ġestjoni tal-pajsaġġ (konċepiment, pjanijiet ta' investiment, mekkaniżmi ta' finanzjament, miżuri ta' appoġġ, proċessi ta' ppjanar, manutenzjoni, rinnovazzjoni, konservazzjoni, użu mill-ġdid , twaqqiġ u riċiklaġġ).
17. Jistimulaw it-tkabbir sostenibbli, il-faċilità ta' għajxien u l-innovazzjoni fiż-żoni urbani u rurali Ewropej billi japplikaw kriterji olistiċi u ta' kwalità għolja, metodi ta' kokreazzjoni u l-prinċipji tal-ICOMOS għall-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju tal-UE għal proġetti arkitettoniċi u ta' ambjent mibni, fejn xieraq.
18. Jippromwov l-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija tal-bini eżistenti permezz ta' approċċ olistiku, filwaqt li jirrispettaw il-kriterji kollha tad-DBQT, fosthom il-preservazzjoni tal-wirt mibni.
19. Jesploraw soluzzjonijiet li jippermettu l-aċċess għal akkomodazzjoni bi prezz li jintlaħaq u deċenti, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh li jkunu deħlin fis-suq tax-xogħol, kif ukoll għal gruppi soċjali vulnerabbli oħrajn.
20. Jinkludu l-prinċipji parteċipattivi ta' kokreazzjoni billi jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fi proċessi bħat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-ippjanar, id-disinn u l-kostruzzjoni li jikkonċernaw l-ambjent mibni u tal-għajxien u l-ippjanar spazjali fil-livelli rilevanti kollha ta' governanza.
21. Jippromwov approċċ li jirrispetta d-djalogu bejn il-wirt kulturali eżistenti, l-istabbiliment tal-pajsaġġ u l-kreazzjoni kontemporanja, inkluż permezz ta' użu mill-ġdid adattiv fejn rilevanti.

¹³ Il-governanza, il-funzjonalità, l-ambjent, l-ekonomija, id-diversità, il-kuntest, is-sens ta' post u s-sbuħija

22. Joħolqu oqfsa favorevoli għal arkitettura ta' kwalità għolja biex jirfdu r-regoli tal-akkwist pubbliku, is-simplifikazzjoni regolatorja u l-proċeduri innovattivi li jrawmu approċċ imsejjes fuq il-kwalità għolja minflok wieħed imsejjes biss fuq l-ispejjeż billi jiġu segwiti l-aħjar prattiki biex isiru kompetizzjonijiet tal-arkitettura pubblika, l-arkitettura tal-pajsaġġ u tal-ippjanar spazjali.
23. Ikomplu jippromwovu u jsaħħu l-kuxjenza, l-għarfien u l-kompetenzi ta' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u timijiet iddedikati fil-livelli rilevanti kollha ta' governanza, inkluż l-esperti tekniċi u l-kuntratturi, sabiex ikunu jistgħu jużaw kriterji u standards ta' kwalità għolja fid-deċiżjonijiet tagħhom relatati mal-arkitettura u l-ambjent mibni għal kulħadd.
24. Jippromwovu l-aħjar użu tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE u għodod oħra ta' finanzjament disponibbli sabiex:
- japplikaw u jżidu standards ta' kwalità għolja fil-proċessi ta' ppjanar, disinn, bini, konservazzjoni, restawr, rinnovazzjoni u użu mill-ġdid adattiv;
 - ikomplu jtejbu t-taħriġ u l-ħiliet ta' periti u professjonisti relatati bħal inġiniera ċivili, pajsaġġisti, pjanifikaturi tal-ispazju, disinjaturi, artisti, esperti tal-wirt, konservaturi-restawraturi, konservaturi tan-natura, kuntratturi tal-bini eċċ. mhux biss bħala speċjalisti fi professjonijiet individwali, iżda wkoll bħala edukaturi u riċerkaturi b'fehim tal-isfidi kbar involuti, fil-kuntest tal-integrazzjoni tas-sostenibbiltà, il-kwalità tal-esperjenza u l-inklużjoni soċjali.
25. Iżommu r-ritmu u jkomplu l-proċess ta' riflessjoni u skambju dwar ir-rwol kulturali, soċjali, ekonomiku u ekoloġiku ta' arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

26. Isaħħu l-koerenza tal-politika għal arkitettura ta' kwalità għolja u ambjent mibni permezz ta' koordinazzjoni xierqa fost il-ministeri u l-livelli amministrattivi rilevanti kollha, l-aġenziji u s-servizzi sabiex jiġi inkorporat approċċ olistiku u bbażat fuq il-kwalità fil-politiki u l-attivitajiet kollha li għandhom impatt fuq l-ambjent mibni u tal-ġhajxien.
27. Jippromwovu l-integrazzjoni tal-BEĠ u l-prinċipji u l-approċċi tal-ekonomija ċirkolari fl-istrategġiji nazzjonali ta' żvilupp soċjoekonomiku u territorjali, inkluż id-disinn u l-arkitettura sostenibbli.
28. Jistabbilixxu u jappoġġaw, fil-livelli xierqa ta' governanza, gruppi ta' esperti konsultattivi magħmula minn periti u professjonisti rilevanti oħra, bħat-Timijiet tal-Periti tal-Istat u tal-Belt¹⁴, kif ukoll proċeduri xprunati mill-kwalità biex jiżguraw jew isaħħu l-inklużjoni tal-kompetenzi professjonali u l-ħiliet meħtieġa fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex jinkisbu eżiti ta' kwalità għolja.
29. Jinnominaw entità bħala punt ta' kuntatt għall-inizjattiva BEĠ u jilħqu lill-komunitajiet fil-livell lokali, b'segwitu ta' approċċ ibbażat fuq il-post¹⁵, sabiex jinvolvu, kif xieraq, lill-membri kollha tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.
30. Jagħtu s-setgħa u jipprovdu appoġġ xieraq lill-atturi li jippromwovu l-aspetti kulturali u kwalitattivi tal-ambjent mibni u tal-ġhajxien lill-udjenzi kollha.

¹⁴ Ara d-definizzjoni fl-Anness

¹⁵ Ara d-definizzjoni fl-Anness

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

31. Tiffaċilita l-adozzjoni tad-DBQT, bit-tmien kriterji tal-kwalità tagħha, f'investimenti rilevanti, oqfsa regolatorji u programmi ta' finanzjament tal-UE, u tapplika dawn il-prinċipji tal-kwalità bħala s-sid, l-iżviluppatur u l-utent tal-proprjetà.
32. Tipprovdi opportunitajiet għar-riċerka, il-bini tal-kapaċità u t-tagħlim bejn il-pari fl-oqsma tal-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni għal kulħadd fil-programmi rilevanti kollha tal-UE.
33. Tfittex sinerġiji fost ir-regolamenti, il-programmi u l-politiki rilevanti eżistenti u ppjanati tal-UE bil-ħsieb li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jsiru konsistenti mal-prinċipji u l-oġettivi tal-BEĠ, u tintegra l-kooperazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet transdixxiplinari.
34. Tiffaċilita l-informazzjoni u l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji disponibbli biex jappoġġaw proġetti relatati ma' ambjent tal-għajxien ta' kwalità għolja, inkluż inizjattivi fuq skala żgħira fuq il-post u proġetti fis-setturi kulturali u kreattivi.
35. Tieħu kont tal-bilanċ ġeografiku, kif ukoll tad-diversità ġeografika, klimatika, ekonomika, soċjali u kulturali tal-UE, meta tfassal u timplimenta l-istrateġiji, il-proġetti u l-azzjonijiet tal-BEĠ.
36. Tippetgħu sinerġiji bejn l-arti, l-arkitettura, il-pajsaġġ u l-arkitettura interna, l-ippjanar spazjali, id-disinn u l-artiġjanat, kif ukoll mudelli ta' taħriġ innovattivi għall-periti u professjonisti oħra relatati, inkluż taħriġ dwar teknoloġija diġitali mill-aktar avvanzata.

37. Tippiromwovi l-funzzjoni tas-siti storiċi fit-titjib tal-ambjent fiżiku eżistenti u emerġenti tal-komunitajiet lokali bl-użu ta' teknoloġiji diġitali tal-ogħla livell fid-dokumentazzjoni u l-preżentazzjoni tal-ambjent mibni u tal-ġhajxien.
 38. Issaħħaħ is-sensibilizzazzjoni u l-kooperazzjoni transsettorjali billi tippromwovi l-inizjattiva BEĠ, id-Dikjarazzjoni ta' Davos u l-Prinċipji tal-ICOMOS fost is-setturi ta' politika rilevanti, b'mod partikolari dawk is-setturi involuti fit-tfassil tal-ambjent mibni u tal-ġhajxien.
 39. Tirrapporta fuq bażi regolari lill-Kunsill u/jew lill-korpi preparatorji tiegħu, kif ukoll lill-entitajiet fdati b'hal-punti ta' kuntatt għall-BEĠ, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva BEĠ, u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar is-segwitu tagħha fil-livell nazzjonali.
-

A. REFERENZI

F'dan il-kuntest, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jfakkar

1. L-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
2. Il-ħidma u r-rapport tal-grupp tal-MMK dwar l-Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja għal kulħadd (2020-2021) <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/bd7cba7e-2680-11ec-bd8e-01aa75ed71a1/language-mt>
3. Il-Karta Ewropea tal-Wirt Arkitettoniku tal-1975
4. Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Arkitettoniku tal-Ewropa - il-Konvenzjoni ta' Granada (1987)
5. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Pajsaġġ tal-2000
6. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-kwalità arkitettonika fl-ambjent urban u rurali tat-12 ta' Frar 2001 (ĠU C 73, 6.3.2001, p. 6)
7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2008 dwar l-arkitettura: il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 319, 13.12.2008, p. 13)
8. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2018/C 460/10)
9. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2012 dwar Governanza Kulturali (2012/C 393/03)
10. Id-dikjarazzjoni Konġunta "Il-Wirt, l-Arkitettura Kontemporanja u d-disinn fl-Interazzjoni" adottata fil-Konferenza ta' Riga fit-13 ta' Marzu 2015
11. Ir-Risoluzzjoni tal-AĠNU tal-25 ta' Settembru 2015 dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" (A/RES/70/01)

12. L-Aġenda Urbana tal-UE – Il-Patt ta' Amsterdam (imniedi fl-2016)
(<http://urbanagendaforthe.eu/pactofamsterdam/>)
13. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" - COM(2021) 345 final
14. Id-dikjarazzjoni ta' Davos "Towards a European vision of high-quality Baukultur" (Lejn viżjoni Ewropea ta' Baukultur ta' kwalità għolja), adottata fil-Konferenza tal-Ministri għall-Kultura (Davos, 20-22 ta' Jannar 2018) (<https://davosdeclaration2018.ch/media/Context-document-en.pdf>)
15. Is-Sistema ta' Kwalità Davos Baukultur, ippubblikata f'Mejju 2021
(<https://davosdeclaration2018.ch/quality-system/>)
16. Il-Karta l-Għdida ta' Leipzig - Il-qawwa trasformattiva tal-bliet għall-għid komuni, adottata fil-Laqgħat Ministerjali Informali organizzati fit-30 ta' Novembru 2020
(https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/news/2020/12/12-08-2020-new-leipzig-charter-the-transformative-power-of-cities-for-the-common-good)
17. L-ICOMOS (il-Kunsill Internazzjonali għall-Monumenti u għas-Siti), "European quality principles for EU-funded interventions with potential impact upon cultural heritage" (Il-prinċipji ta' kwalità Ewropej għal interventi ffinanzjati mill-UE b'impatt potenzjali fuq il-wirt kulturali) (verżjoni għdida 2021) (<http://openarchive.icomos.org/id/eprint/2436/>)
18. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2021 dwar il-Bauhaus Ewropea l-Għdida: Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien (dok. 11892/21 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 – COM (2021) 573 final)
19. Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Konvenzjoni ta' Faro, 2005) (<https://www.coe.int/en/web/culture-and-heritage/faro-convention>)
20. L-Aġenda Territorjali 2030: futur għall-postijiet kollha
(https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/brochures/2021/territorial-agenda-2030-a-future-for-all-places)

B. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- ‘Baukultur’ (litteralment “kultura tal-bini”) huwa terminu Ġermaniż għal kunċett li jiddeskrivi l-attività kollha tal-bniedem li tbiddel l-ispazji u l-ambjent tal-ġhajxien b’mod pożittiv. Dan jinkludi bini eżistenti, inkluż monumenti u elementi oħra ta’ wirt mibni, kif ukoll id-disinn u l-kostruzzjoni ta’ bini kontemporanju, infrastruttura, spazji pubbliċi u pajsaġġi integrati fl-ambjent naturali u relatati miegħu. Baukultur jirreferi wkoll għal proċeduri ta’ ppjanar għal proġetti ta’ bini, infrastrutturi, bliet, irħula u pajsaġġi miftuħa, u għal tekniki u metodi ta’ bini tradizzjonali u innovattivi. Hemm fehim soċjali wiesa’ u impliċitu tal-kwalità kif ukoll tal-għodod, il-proċeduri u l-prattiki, u għalhekk l-użu selettiv tal-kelma “kultura” fit-terminu.
- “Ambjent mibni” huwa l-ispazju eżistenti li huma mdawrin bih in-nies, li huma jsawru b’mod attiv u li min-naħa tiegħu għandu impatt fuq il-ħajja u l-imġiba tan-nies. Dan jinkludi l-ambjent tal-ġhajxien.
- “Disinn ċirkolari” tfisser il-ħolqien ta’ prodotti u servizzi li ma jibqax ikollhom ċiklu tal-ħajja b’bidu, nofs u tmien. L-għan huwa li jiġu ddisinjati prodotti li jistgħu jintużaw, jintużaw mill-ġdid u jiġu riċiklati, li jirriżultaw f’inqas konsum ta’ riżorsi, inqas skart u aktar valur miżjud għall-ekosistema. Id-disinn ċirkolari jiffoka fuq il-ħolqien ta’ prodotti u servizzi għall-ekonomija ċirkolari.
- Is-“Sistema ta’ Kwalità Davos Baukultur” hija sett ta’ strumenti li jippermettu d-definizzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalitajiet ta’ “Baukultur” f’postijiet li jinkorporaw u jiżnu l-valuri soċjali, emozzjonali u kulturali b’mod ugwali għall-aspetti tekniċi u funzjonali, bl-għajjnuna tat-tmien kriterji li ġejjin: il-governanza, il-funzjonalità, l-ambjent, l-ekonomija, id-diversità, il-kuntest, is-sens ta’ post u s-sbuħija.

- “Ambjent tal-għajxien” huwa kompożizzjoni bbilanċjata tal-ambjenti artifiċjali u naturali, li tinkludi kemm l-ispazji ta’ barra kif ukoll dawk fuq ġewwa. L-ippjanar u l-ħolqien ta’ ambjent ta’ għajxien sostenibbli u integrat (urban jew, b’mod aktar wiesa’, disinn spazjali) jinkludu attivitajiet ta’ ppjanar u ddisinjar (inkluż l-ippjanar spazjali, l-arkitettura, l-arkitettura tal-pajsaġġ), l-attivitajiet ta’ kostruzzjoni u l-koordinazzjoni spazjali ta’ deċiżjonijiet oħra relatati mal-ispazju (bħal possibbiltajiet ta’ traffiku u mobbiltà, servizzi ta’ utilità, agrikoltura eċċ.), bil-għan li jittejjeb l-ambjent tal-għajxien fit-tul għal kemm jista’ jkun nies permezz ta’ deċiżjonijiet spazjali.
- “Approċċ ibbażat fuq il-post” huwa approċċ li jimmira ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta’ post u jinvolvi lill-komunità u firxa wiesgħa ta’ organizzazzjonijiet lokali minn setturi differenti bħala parteċipanti attivi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom.
- “Perit tal-Istat u Timijiet tal-Periti tal-Belt” huma timijiet ta’ periti fl-amministrazzjonijiet pubbliċi li l-missjoni tagħhom hija li jipprovdu tmexxija fid-disinn u pariri strateġiċi lill-gvern, sabiex itejbu d-disinn tal-kostruzzjonijiet pubbliċi, jippromwovu l-kwalità spazjali u jrawmu kultura ta’ ħolqien ta’ postijiet.
